MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 622/2004

**Avviz numru 622/04DM**

**Romaro Limited**

**Vs**

**Alfred Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u tletin lira Maltin (Lm3,233) rappresentanti arretrati ta' kera dovuta mill-konvenut fuq kirja ta' 'garage' bl-isem 'St. Joseph Garage', Triq Icilio Calleja, Zebbug, Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 2240/04 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta' l-iskadenzi rispettivi kontra l-konvenut li gie ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx fis-seduta tal-lum biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet il-provi prodotti mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet premessi fl-Avviz ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef,  mitejn u tlieta u tletin lira Maltin (Lm3,233), bl-imghaxijiet legali b'effett mil-10 ta' Novembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------